MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 47/2000/1

Middle Sea Insurance plc ta' 190, Marina Street, Pieta' kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Carmelo Galea abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Liġi u l-istess Carmelo Galea .

vs.

Vincent Zammit

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux ikun kkundannat li jħallas s-somma ta' Lm 834.57, tmien mija u erbgħa u tletin lira maltin u sebgħa u ħamsin ċenteżmu jew somma verjuri li minnhom Lm734.57, huma pagabbli lis-soċjeta' attriċi Middle Sea Insurance plc u filwaqt illi Lm100 huma pagabbli lill-attur l-ieħor Carmelo Galea bħala excess, rappreżentanti d-danni sofferti mill-atturi b'riżultat tal-inċident tat-traffiku li seħħ fit-13 ta' Mejju 1999 f'San Pawl

il-Baħar Malta, bejn il-vetturi b'numri NOE 306 u HAO 951, stante illi inti unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni, stante illi l-imsemmi inċident seħħ bħala riżultat tat-traskuraġni, imperizja, negliġenza non curanza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tiegħek .

Bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-konsult ammontanti għal Lm10, tal-ittra uffiċċjali ppreżentat fis-17 ta' Jannar, u tal-mandat ta' Qbid ppreżentat kontestwalment mal-preżenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi :

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-eċċipjent ma kien involut fl-ebda inċident tat-traffiku fit-tlettax (13) ta' Mejju 1999 f'San Pawl il-Baħar ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni jekk l-inċident indikat mill-atturi fil-fatt seħħ dan ġara unikament tort u ħtija ta' l-attur Carmelo Galea ;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha ta' l-1 ta' Marzu 2006, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits  u dokumenti oħra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawża preżenti l-atturi qed jitolbu mingħand il-konvenut il-ħlas ta' l-ispejjeż inkorsi sabiex issewwiet il-karozza ta' l-attur Galea in segwitu għal inċident stradali deskritt fl-Avviż u li fih kien allegatament involut ukoll il-konvenut .  Il-konvenut pero' jiċħad kategorikament illi huwa qatt kien involut f'dan l-inċident .

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu fil-qosor is-segwenti :

Noel Galea, it-tifel ta' l-attur Galea dakinhar ta' l-inċident mertu tal-kawża kien qed isuq il-karozza ta' missieru fuq il-By-Pass tax-Xemxija, fid-direzzjoni ta' Burmarrad u fil-*lane* ta' barra . Hekk kif kien qed jissorpassa truck (*left-hand drive*) li kien għaddej fuq il-*lane* ta' ġewwa, dan ġibed lejn il-lemin u ħabat miegħu . Is-sewwieq tat-truck baqa' għaddej, minkejja li huwa ipprova jiġbidlu l-attenzjoni għal dak li ġara . Xi ġimgħa wara jgħid illi lemaħ it-truck u l-istess *driver* il-Mellieħa u waqaf ikellmu . Imma dan qallu li ma kien jaf b'xejn u ma riedx jammetti t-tort . Insegwitu saret *claim* lid-ditta assikuratriċi attriċi, billi l-karozza kienet assikurata *fully comprehensive*, u din ħallset għad-danni kkaġunati, ħlief għas-somma ta' mitt lira *aċċess* li kellhom jibqgħu a karigu ta' l-attur Galea .

Il-konvenut jammetti illi darba minnhom kien waqqfu xi ħadd il-Mellieħa u qallu li xi jiem qabel kien ħabat miegħu bl-istess truck li kien qed isuq dakinhar . Huwa pero' ċaħad għal kollox illi kien involut f'xi inċident bħal dan . Spjega wkoll fid-depożizzjoni tiegħu illi t-truck imsemmi fl-Avviż huwa proprjeta' ta' ċertu Maurice Borg, u li kien hemm diversi *drivers* oħra li jsuqu dan l-istess truck f'Malta .

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk hawnhekk għandna każ fejn dak illi qed jallegaw l-atturi qed jiġi kompletament miċħud mill-konvenut . Huwa prinċipju bażilari tal-proċedura illi l-piż tal-prova tal-fatti allegati li fuqhom qed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu huwa ta' l-attur, u jispetta biss lill-konvenut li jirribatti dawn il-provi bi provi kuntrarji . "**Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah**." [1]

Ġie mgħallem mill-**Mattirolo** f'dan ir-rigward illi : "*Una regola di dottrina e di ġurisprudenza ġenerale reca che* ***'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'****, ossia che* ***'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit****.' In*

[1] art. 562 tal-Kap. 12 .

*verita', il principio di egualianza civile,che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita' di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti . Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e l'autorita' giudicante dee pronunizare* ***juxta allegata et probata … .*** *Applichiamo questa regola all'una e all'altra parte .*

*(a) Il primo ad agire nella causa e ad allegare un fatto, da cui egli pretende sia per risultare un cambiamento nello stato attuale del diritto, e' l'attore; e percio'* ***actori onus probandi incumbit .*** *Quindi nelle cause in cui si propone un'azione reale l'attore dovra' provare il fatto dal quale deriva il dominio, …; se egli invece promuove un'azione personale, dovra' pure provare quel fatto, quell'avvenimento da cui nacque il suo diritto e la conseguente obbligazione del convenuto. L'attore, che non provi, deve soccombere: actor non probante, reus est absolvendus*[2] *. Conseguentemente, in presenza di una domanda non provata, il convenuto puo' limitarsi a negare il fatto allegato, ma non provato dall'attore; e il giudice debbe senz'altro assolverlo .*

*(b) Se l'attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell'attore, dovra', dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e' fondata la sua eccezione : onde la massima '****onus probandi incumbit actori'****, vuol essere completata con quest'altra* ***'reus in excipiendo fit actor'****."* [3]

Imma fil-każ in eżami, l-unika prova li ressqu l-atturi sabiex jippruvaw il-konnessjoni tal-konvenut ma' l-inċident mertu tal-kawża, huwa l-affidavit ta' l-imsemmi Noel Galea, li jallega li għaraf lill-konvenut bħala s-sewwieq tat-truck illi kien daħal ġo l-karozza misjuqa minnu dakinhar

[2] sottolinear tal-Qorti .
[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano vol. III 5 ta ed. para. 465, 467, 468, 471 pag. 380 - 382 .

ta' l-inċident . Dan pero' baqa' ma spjegax kif u minn x'hiex għaraf lill-konvenut . Irid jittieħed ukoll in konsiderazzjoni li kien ser ikun ferm aktar diffiċli li s-sewwieq ta' karozza jiddentifika s-sewwieq ta' truck *left-hand drive* li baqa' għaddej . Jidher biss illi dan ix-xhud kien sodisfatt lli kien il-konvenut, għax inserta dan kien qed isuq it-truck li jghid li dahal go fih, dakinhar li waqaf ikellmu . M'hemm xejn iżjed x'jorbot lill-konvenut ma' dan l-inċident stradali, u għalhekk mingħajr ma tidħol fil-mertu tiegħu, ikollha tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, billi ma ġiex ippruvat sodisfaċentement u fil-grad ta' ċertezza rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili, illi kien tassew l-istess konvenut li kien involut fl-inċident stradali mertu ta' din il-kawża .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------